MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 323/2003

**HSBC Home Loans (Malta) plc**

**vs**

**Grezzju Abela**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sciberras Trigona datat 25 ta' April 1991, giet koncessa facilita' bankarja ta' self lill-konvenut wara d-debita 'sanction letter' datata 5 ta' Marzu 1991 (Dok B);

Illi l-konvenut huwa veru cert u likwidu debitu a favur tal-bank attur fis-somma komplessiva ta' hamest elef, mija u sebgha u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm5,167.67) in kwantu ghal tlett elef, seba' mija sitta u ghoxrin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3,726.25) bhala capital u elf, erba' mija wiehed u erbghin Lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm1441.42) bhala interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%) p.a. mill-20 ta' Settembru 1991 sat 8 ta' Gunju 2000, oltre interessi ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kif jirrizulta mill-anness 'statement of account' market Dok C;

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti (Dok D);

Illi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet u x'jaghti ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit ai termini ta' l-Art 167 tal-Kap 12 (Dok E).

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-provi ai termini ta' l-Art 167 – 170 tal-Kap 12;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma komplessiva ta' hamest elef, mija sebgha u sittin Lira u sebgha u sittin centezmu (Lm5,167.67) dovuti in kwantu ghal tlett elef, seba' mija sitta u ghoxrin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3,726.25) bhala capital u elf, erba' mija wiehed u erbghin Lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm1,441.42) bhala interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%) mill-20 ta' Settembru 1991 sat-8 ta' Gunju 2000, oltre l-interessi ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv dovuti skond Dok A sa E.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-9 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-P.L. Adrian Borg u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghall-konvenut.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------